# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 9 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 4.**
**Citazz. Nru. 1636/00 JRM.**

**CENTRAL HOTELS LIMITED**

**vs**

**INTRAMED LIMITED u CLAUDE MUSCAT esercjenti l-kummerc bl-isem ta' Intramed Travel Bureau ta' Papyrus.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elf tlett mija u tletin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1330.97) prezz ta' akkomodazzjoni u affarijiet ancillari fil-Victoria Hotel, Tas-Sliema dovuti mill-konvenuti lis-socjeta' attrici;

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu l-konvenuti naqsu;

Ghalhekk l-istess konvenuti talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar ragunijiet fuq imsemmija:

1. Jigu solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' elf tlett mija u tletin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1330.97);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-3 ta' Ottubru 1999 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b'sitt mija sebgha u tletin liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm637.97) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' sitt mija tlieta u disghin liri Maltin (Lm693.00) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**9, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**9, ta' Novembru, 2000.**